

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Informazzjoni Dwar It-tneħħija Legali Tal-minuri](#) Luxembourg

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri

 Lussemburgu

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Fil-prinċipju, il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor mhux meħtieġ sabiex il-minuri jittieħed temporanjament fi Stat Membru ieħor. Jekk iż-żewġ ġenituri jeżerċitaw flimkien is-setgħa tal-ġenitur, kull wieħed minnhom jista' jivvjaġġa mal-minuri mingħajr il-kunsens espliċitu tal-ieħor. Jekk, b'mod eċċezzjonali, ġenitur jeżerċità s-setgħa tal-ġenitur waħdu, il-kunsens, preżunt jew espliċitu, tal-ġenitur l-ieħor mhux meħtieġ.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-ġenitur li ma għandux is-setgħa tal-ġenitur, huwa jista', matul l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess u ta' akkomodazzjoni tiegħu, jieħu lill-minuri għal żjarat temporanji fi Stat Membru ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor.

Il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor mhux meħtieġ għal żjarat temporanji għal perjodu qasir (pereżempju biex jaqsmu l-fruntiera biex immorru jixtru fil-ħwienet) jew żjarat temporanji għal perjodi itwal (pereżempju għal vaganzi) sakemm dawn iż-żjarat isiru fil-qafas tad-dritt ta' aċċess u akkomodazzjoni.

Il-karta tal-identità jew dokumenti oħra meħtieġa f'każ ta' żjarat temporanji jvarjaw skont ir-rekwiżiti ġuridiċi fis-seħħ fil-pajjiż fejn se jittieħed il-minuri.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Ċaqliq permanenti jew temporanju tal-minuri għal raġunijiet serji ħafna (pereż. trattament mediku serju) jeħtieġ b'mod obligatorju il-kunsens taż-żewġ ġenituri, jekk is-setgħa tal-ġenitur tkun konġunta.

Trasferiment ta' domiċilju jew residenza lejn pajjiż barrani jitqies bħala ċaqliq permanenti u jeħtieġ il-kunsens taż-żewġ ġenituri. F'każ ta' setgħa tal-ġenitur esklussiva, il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor mhux meħtieġ. Madankollu, fuq talba tal-ġenitur l-ieħor, id-dritt ta' aċċess jista' jiġi adattat.

Għal raġunijiet ta' provi, il-kunsens tal-ġenituri jrid ikun bil-miktub. Id-dokument jista' jiġi mfassal mill-ġenituri. Il-ġenituri jistgħu jistaqsu qorti sabiex tirreġistra l-kunsens tagħhom, jekk ikun meħtieġ hekk mill-Istat ospitanti.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti

b'mod legali lejn Stat ieħor?

Jekk ġenitur minnhom jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, huwa l-imħallef tal-qorti tal-familja li jrid jiddeċiedi dwar talba għat-trasferiment tal-minuri lejn pajjiż ieħor.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovidi l-formoli ta' kunsens rilevanti.

Kif imsemmi fit-Taqsimiet minn 1 sa 3, id-dispożizzjonijiet ivarjaw skont jekk it-trasferiment tal-minuri hux se jkun temporanju jew permanenti.

Għal kull ċaqliq temporanju lejn pajjiż ieħor, li jsir mill-minuri mhux akkumpanjat mill-ġenituri tiegħu, il-minuri jrid ikun awtorizzat li joħroġ mit-territorju tal-pajjiż (permezz ta' dokument li fih ġenitur jawtorizza lill-minuri jħalli l-Lussemburgu).

Il-ġenituri jistgħu jiksbu formola ta' awtorizzazzjoni mill-uffiċċji municiċipali. Bosta municiċipalitajiet jitolbu l-ħlas ta' taxxa biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi għall-ħruġ ta' dawn il-formoli. L-ammont tat-tariffa jvarja minn municiċipalit  għall-oħra.

Għalkemm din il-formola mhix obligatorja, ħafna awtoritajiet barranin jeħtieġuhom biex jaċċettaw lill-minuri jidħol fit-territorju tagħhom.

Jekk il-minuri jkun akkumpanjat minn ġenitur wieħed biss, madankollu tajjeb li wieħed ikollu prova li ngħata l-kunsens tal-ġenitur l-ieħor, għaliex huwa meħtieġ minn ċerti pajjiżi.

Foloq

<http://www.legilux.lu/>

<https://justice.public.lu/fr.html>

L-aħħar aġġornament: 11/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorit  nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbilt  fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.